MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Talba Numru. 689/2007

**Anton Gauci u Simone Gauci**
**(ID 373363 M u 558465 M) rispettivament**

**vs**

**Andrei Cassar Bonaci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Settembru, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u disgha u sebghin lira Maltija llum ekwivalenti ghal sitt mija u disgha u erbghin ewro u disghin ewro centezmi, rapprezentanti valur ta` hsara kkawzata fi chest freezer ta` l-atturi meta waqa` parti mis-saqaf tal-fond sovrastanti ghal dak taghhom fejn kien qed jahdem il-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra legali Dok. A u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien legalment notifikat huwa baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

U peress illi l-konvenut baqa` ma deherx la fis-seduta ta` l-4 ta` April, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €649.90c (Euros), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------